# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert A. Cini)**

**vs**

**Husein Tlas**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Husein Tlas**, karta tal-identita bin-numru 105027A fejn ġie mixli talli nhar is-27 ta' Jannar 2015 għall-ħabta ta' 17:00 ġewwa Triq San Ġużepp, Ħal-Tarxien :-

(a) Bil-ħsieb li jtellef jew insaqqas il-ġieħ ta' Lawrence Darmanin weġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'ktiba, b'disinji jew b'xi mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) Kif ukoll talli inġurja jew hedded b'mod mhux imsemi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien provokat inġurja nb'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Lawrence Darmanin u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;

(c) Kif ukoll talli mingħajr ma darab jew sawwat hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin jew waddab jew qabad armi kontra Lawrence Darmanin u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi kif jirriżulta miċ-ċertifikat tan-notifika tal-komparixxi eżibita fl-atti, jirriżulta li l-imputat ġie notifikat ferm wara li skada t-terminu preskrizzjonali trimestrali fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet.

Fir-rigward il-meritu tal-ewwel imputazzjoni mill-provi prodotti il-Qorti jidhrilha li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-elementi tar-reat addebitat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

# ***DECIDE : -***

Li wara li rat l-Artikoli 252(1) u 339(1)(b)(e) tal-Kodiċi Kriminali tiddeċiedi li tiddikjara l-azzjoni estinta fir-rigward t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet filwaqt li tikkunsidra l-ewwel imputazzjoni bħala li ma ġietx soddisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum 9 ta' Marzu 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***